KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 30/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30

*L-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

Kunsill Lokali Paola

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri, li l-Kunsillier Camilleri talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġija bħala ġustifikata.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 29 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Invit mill-EFFORTS għall-konferenza li ser issir bejn l-1 u 2 ta' Diċembru fi Brussell. Il-membri qablu li jekk ikun jixtieq jattendi, l-Kunsillier Axisa għandu jagħmel dan hekk kif din taqa' taħt ir-responsabiltajiet tiegħu. L-Kunsillier Axisa qal li ser jikkonferma l-attendenza tiegħu fil-ġranet li ġejjin fid-dawl taż-żieda fir-restrizzjonijiet u tal-każijiet marbuta mal-pandemija covid-19.

3.2. Korrispondenza mingħand il-Malta Libraries sabiex isir investiment fil-kotba tal-librerija tal-lokalita. Il-membri qablu li isir dan l-investiment ta' €1,000 għall-kotba tal-Librerija.

3.3. Talba għal-rifużjoni ta' spejjeż ta' tyre wara inċident li sar kaġun ta' ħofra fi Triq l-Isqof Buhagiar. Il-membri iddiskutew il-każ u fid-dawl li l-ħofra imsemmija sargħet wara xogħol ħażin li sar mill-Water Services Corporation li għamlet intervent fl-istess triq ftit ġranet qabel l-inċident, qablu li l-Kunsill jinforma b'dan l-eżitu bil-miktub lil persuna li ġarrbet l-inċident.

## 4. Laqgħa tal-Lokalita' 2021

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif titlob il-liġi sal-15 ta' Diċembru triq issir laqgħa pubblika li fiha jiġu diskussi l-estimi finanzjarji għas-sena 2022. Il-membri qablu li din il-laqgħa issir fil-15 ta' Diċembru fl-4.00pm qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

## 5. Jum Paola

5.1. Is-Sindku stieden lil Viċi Sindku jgħaddi il-programm limitat li setgħa jiġi organizzat fl-isfond tal-pandemija.

5.2. Il-Viċi Sindku qal li ser issir quddiesa ta' radd il-ħajr is-Sibt 27 ta' Novembru fil-Knisja ta' St. Antnin Għajn Dwieli u wara l-quddiesa jiġi ppreżentat ir-rikonoxximent ta' Ġieħ Paola. Huwa kompla li l-għada 28 ta' Novembru filgħodu ser issir ukoll wirja statika tal-vetturi Mustang.

5.3. Dwar l-unur ta' Ġieħ Paola s-Sindku qal li kienu twasslu tlett nomini li jinkludi s-Sur John Cumbo, Jaeime Gilson u Samantha Zerafa. Wara diskussjoni il-membri qablu li għandom jingħataw dawn ir-rikonoxximenti:

5.3.1. Ġieħ Paola lil John Cumbo b'apprezzament mis-Sindku u l-Kunsilliera għal dawn l-40 sena ta' servizz volontarju fil-knisja ta' Sant' Antnin, Għajn Dwieli b'mod speċjali tul dawn ix-xhur ta' pandemija.

5.3.2. Il-membri qablu wkoll li għandom jingħataw dawn ir-rikonoxximenti:

Lis-Sur Jaemie Gilson b'apprezzament mis-Sindku u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali Paola, għall-ħidma volontarja fil-komunità ta' Paola.

Lis-Sinjura Samantha Zerafa b'apprezzament mis-Sindku u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali Paola, għall-ħidma tagħha b'risq il-komunità ta' Paola fil-ġlieda kontra l-Covid-19.

## 6. Milied 2021

6.1. Is-Sindku qal li fit-13 ta' Diċembru ser isir kunċert tal-Milied mal-Banda de Paule bil-baġit ikun ta' madwar €7,000. Il-memrbi approvaw.

6.2. Is-Sindku informa lill-membri illi wara li sargħet applikazzjoni konġunta mal-Kunsilli Lokali tal-Marsa u tal-Ħamrun, ingħatajna fondi mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex issir attività kbira tal-Milied bl-isem Christmas Under the Bridge li tinkludi Villaġġ tal-Milied li ser isir il-Marsa. Is-Sindku kompla li parti minn din l-attività tinkludi parata tal-Milied fit-toroq ta' Raħal Ġdid qabel il-Kunċert tat-13 ta' Diċembru mill-5pm il quddiem.

6.3. Is-Sindku qal ukoll li kienet waslet talba sabiex isir kunċert klassiku tal-Milied f'Sant' Ubaldeska mal-Marivjan Quartet fl-20 ta' Diċembru. Il-membri qablu li ssir din l-attività bil-baġit ikun ta' madwar €1,000. Il-membri qablu wkoll li minħabba il-limitazzjonijiet tal-pandemija naraw il-possibilità li ssir ukoll ix-xandira live fuq facebook.

6.4. Is-Sindku qal li b'differenza mis-sena l-oħra, din is-sena ser issir attività fejn Santa Klaws iqassam lir-rigali lit-tfal. Kompla li wieħed jista' jirreġistra fil-Kunsill u jġib ir-rigal partikolari umbagħad dan ir-rigal jitwassal mingħand Santa Klaws fl-20 u 21 ta' Diċembru. Il-membri qablu.

6.5. Dwar it-tiżjin tal-Milied is-Sindku kkonferma li din is-sena dan wkoll ser jiġi finanzjat mija fil-mija mill-Kunsill Lokali wara li saru laqgħat mal-għaqdiet rispettivi. Huwa kompla li l-ħwienet tal-lokalita ser ikunu infurmati b'dan u għanda ssir talba sabiex huma jagħtu donazzjoni b'risq il-fond għall-Kawżi Ġusti li jħaddem il-Kunsill. Il-membri iddiskutew id-dawl tal-Milied u qablu li dwar is-suġġett għandu ikun hemm diskussjoni kmieni tul is-sena sabiex fost l-oħrajn issir siġra tal-Milied li tixraq lil Pjazza.

6.6. Dwar l-attivitajiet tat-tfal u l-anzjani li normalment isiru, is-Sindku qal li qed naraw x'possibilitajiet jistgħu isiru fid-dawl anke tal-iżviluppi fil-pandemija. Is-Sindku qal li dan il-programm kollu tal-Milied 2021 jammonta għal madwar €15,000.

## 7. Inċineratur tal-Marsa

7.1. Is-Sindku qal li sfortunatament wara l-ħidma li sargħet tul is-snin li għaddew, l-irwejjaħ mill-inċineratur tal-Marsa reġgħu kienu preżenti; dan meta wieħed ifakkar li kien hemm konferma li l-irwejjaħ kellhom jieqfu f'Marzu li għadda. Il-membri iddiskutew dan u qablu li għandu jkun hemm korrispondenza bil-miktub mal-Wasteserv sabiex tingħata garanzija meta dawn l-irwejjaħ ser jieqfu.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku qal li sargħet laqgħa ma rrappreżenti tad-Dipartiment tal-Kummerċ dwar is-Suq ta' Paola fejn dawn ikkonfermaw li ser jgħaddu dak kollu li twassal lilhom lil dawk kollha konċernati.

8.2. Is-Sindku wassal appell sabiex aktar persuni jirreġistraw biex jattendu għall-Fun Run u b'hekk ikunu wkoll qed jgħinu lill-Malta Community Chest Fund. Il-membri qablu li jaraw li jkun hemm rappreżentanza tal-Kunsill kemm għall-Fun Run kif ukoll għall-Quddiesa tal-Festa ta' Kristu Re.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Viċi Sindku xtaq jirrimarka li reġa' kien hemm vetturi ipparkjati fil-Pjazza fil-parti ta' quddiem iz-zuntier u għalkemm jaf li dawn anke ġew mħarrka hemm bżonn li din tkun ċara li dik iż-żona mhux żona ta' parkeġġ. Is-Sindku żied li sfortunatament dan l-inċident seħħ wara li dawn il-vetturi daħlu wara tal-funerali u spiċċaw ipparkjati ħażin u infatti żied li għalhekk hemm il-ħtieġa li ssir xi ħaġa li anke tifred il-passaġġ tal-vetturi tat-tiġijiet/funerali mill-kumplament tal-pjazza.

9.2. Il-Kunsillier Bartolo staqsa dwar ix-xogħolijiet li kellhom isiru fil-pjazza. Is-Sindku informa lill-membri illi kien hemm qbil li għalissa isiru xogħolijiet li ma joħolqux inkonvenjent għall-pubbliku. Infatti is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mill-Perit tal-kuntrattur fejn ikkonferma li ser isiru l-ewwel xogħolijiet tal-cables sabiex jibdew jixegħlu iz-zebra crossings u l-parti ta' fuq tal-pjazza.

9.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar l-ammont ta' xita li għadda mad-djar fi Triq Żabbar. Is-Sindku sostna li l-ammont ta' xita li għamlet kien tassew kbir però kkonferma li l-calverts kienu tnaddfu kompletament għat-tieni darba.

9.4. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar il-proġett imsemmi tas-Shreiber wara li anke ssemma l-proġett fil-baġit. Is-Sindku kkonferma li l-informazzjoni li għandu hija dak li ssemma fil-media u xejn aktar.

## 10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 30 għas-somma ta' €43,054.65.

## 11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |